# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016

**Talba Nru: 43/2016/VG**

**Jacqueline PORTELLI [K.I. 414676M]**

**vs**

**Gordon CAMILLERI [K.I. 0467976M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-8 ta' Frar, 2016** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' tlett elef euro [€3000] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Qeghda tintalab tithallas is-somma ta' tlett elef euro (€3,000) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar ta' flus li l-attrici, Jacqueline Portelli, sellfet 'a brevi manu' lill-konvenut, Gordon Camilleri, u dan skond skrittura ta' self li giet iffirmata mill-partijiet. Illi minkejja li ghadda z-zmien miftiehem sabiex il-konvenut ihallas lura dan id-debitu, minkejja li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut minnu, anke

permezz ta' ittra legali datata 29 ta' Jannar 2016 (Dok. A) u minkejja wkoll id-diversi weghdiet ghall-hlas, huwa baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra legali fuq imsemmija u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fid-19 ta' Mejju, 2015 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

"Illi l-esponenti jichad b'mod l-aktar kategoriku li huwa debitur ta' l-attrici.

Illi l-esponenti kien konoxxenti ta' certu Olaf Cini (K.I. numru 539560M) f'cirkostanzi koncernanti bejgh ta' proprjeta.

Illi f'okkazzjoni separata, is-sur Olaf Cini talab erbat elef euro lil Grace Borg fil-prezenza ta' l-esponenti li min-naha taghha ikkuntatjat lill-attrici Jacqueline Portelli bit-teleforn sabiex tkun din ta' l-ahhar li ssellef tali somma lill-imsemmi Olaf Cini.

Illi l-attrici Jacqueline Portelli accettat li ssellef erbat elef euro lil Olaf Cini u li min-naha ta' l-istess Olaf Cini rabat lilu nnifsu li jhallas l-ammont ta' sitt elef euro lill-attrici, jigifieri l-attrici kienet ser taqla is-somma ta' elfejn euro.

Illi l-esponenti jghid li hu kien jaf lil Jacqueline Portelli peress li kienet tahdem ma' certu Grace Borg.

Illi f'okkazzjoni partikolari, Grace Borg kienet qalet lill-esponenti li l-attrici kienet gejja bil-flus sabiex jinghataw lil Olaf Cini. Fil-fatt l-istess Grace Borg kienet talbet lill-esponenti sabiex jinzel

jigbor il-flus minghand l-attrici sabiex dawn jinghataw lill-esponenti.

Illi l-esponenti hareg mill-ufficju ta’ Grace Borg fejn sab lill-attrici tistennieh fil-karozza li tghatu l-flus sabiex dan jaghtihom lil Grace Borg halli min-naha taghha din tislifhom lil Olaf Cini.

Illi fil-presenza Olaf Cini l-esponenti ghadda s-somma li kien ghadu kif gabar minghand l-attrici lil Grace Borg. L-istess Grace Borg li ccekkjat l-ammont ta’ flus mghoddi lilha, ghaddiet l-istess ammont lil Olaf Cini. Ghal dan it-trasferiment ta’ flus, l-istess Olaf Cini ffirma kambjala ta’ sitt elef euro fuq l-isem ta’ Jacqueline Portelli. Dan kollu sehh fil-presenza ta’ l-esponenti.

Illi l-esponent jghid li wara xi zmien, Olaf Cini gab ghaxart elef euro u fil-presenza ta’ l-esponenti, dawn l-ghaxart elef euro gew mghoddija lil Grace Borg. Fil-fatt, l-esponenti kien iccekja li hemm is-somma ta’ ghaxart elef euro u tali ammont ta’ flus ghaddew lil Grace Borg minghand Olaf Cini fil-presenza ta’ l-esponenti.

Illi tali somma kienet ghas-saldu tal-kambjala in kwistjoni u ta’ xi dejn li setgha kien hemm bejn Olaf Cini u Grace Borg.

Illi l-esponenti beda jircievi ammont ta’ telefonati minghand l-attrici fejn din baqghet tghid li s-somma mifthema kienet ghada ma thallsitx.

Illi l-esponenti ghal dawn it-telefonati kien iwiegeb li tali somma thallset fil-presenza ta’ l-istess esponenti lis-sinjura Grace Borg.

Illi wara numru ta’ telefonati li saru mill-attrici lill-esponenti, fejn l-attrici bdiet tinsisti mieghu li kellha bzonn il-flus minhabba l-

bzonnijiet tal-familja, l-esponenti thassar lill-attrici u minghajr pregudizzju kien ghaddielha s-somma ta’ elf euro.

Illi l-esponenti fil-fatt kien qal lill-attrici li la darba din kienet tithallas minghand Grace Borg, hi kellha tirritorna s-somma ta’ elf euro lilu.

Illi l-esponenti wara li kien taghha elf euro xorta baqa jircievi telefonati minghand l-attrici, fejn baqghet tishaq li hi kienet ghada ma thallsitx, la minn Olaf Cini u lanqas minghand Grace Borg u ghalhekk kienet qeghda titlob din is-somma minghandu, ghax hi kienet ghaddiet tali somma lilu.

Illi l-esponenti jichad kategorikament li hu qatt iffirma xi skrittura fuq dan id-debitu ghax hu fl-ebda hin ma sselef l-ammont li qed jigi reklamat.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jichad l-pretensjonijiet kollha mressqa kontrih bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u sussegwentement jisthoq li m’ghandux ikun responsabli ta’ self ta’ flus li hu qatt ma kien parti fih”

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta’ €3000 rapprezentanti bilanc minn ammont akbar ta’ flus li hi kienet selfitu brevi manu. L-intimat da parti tieghu laqa’ ghal din it-Talba

billi qal li huwa ma huwiex debitur tar-rikorrenti u ghalhekk ma ghandu jaghti xejn lill-istess rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti stqarret li fl-ahhar ta' Frar, 2015 hija kienet ghaddiet is-somma ta' €4000 lill-intimat Gordon Camilleri. Qalet li hija kienet iltaqet mal-intimat fil-hanut bl-isem ta' Exotique fejn tahdem. Dak in-nhar, Grace Borg, li hija d-datur tax-xoghol taghha, kienet talbitha sabiex taghti dan l-ammont ta' €4,000 lill-intimat u hekk ghamlet. L-ammont ta' €4,000 ghaddiethom lill-intimat fil-presenza ta' ohtha. L-intimat kien qalilha li huwa kien ser jghaddilha dan l-ammont lura wara tlett ijiem izda wara li ghaddew dawn it-tlett ijiem, huwa beda jgib hafna skuzi. Ghar-rigward tad-dokument immarkat bhala dok. JP 1 (fol. 24) hija qalet li dan id-dokument ma giex iffirmat quddiemha izda quddiem Grace Borg u ma hemmx il-firma taghha fuqu. Imbaghad fil-25 ta' Gunju, 2015 hija kienet irceviet messagg minghand l-intimat fuq in-numru tac-cellulari taghha. Dak-in-nhar, l-intimat ghaddielha l-ammont ta' €1,000. Qalet li hija kienet baghtet sms lill-intimat biex dan ikollu prova tal-hlas li huwa kien ghamel lilha. Dan il-messagg, li jinsab esebit a fol. 36 jaqra hekk "*Gordon press li ma ghamiltlekx karta ta L elf li tajtni ghandek dan messagg li tajtni elf* ". Hija qalet ukoll li l-intimat kien infurmaha li huwa kien ser ibiegh id-dinghy li kellu sabiex ikun jista jaghtih l-ammont li kienet silfitu. Madanakollu, l-intimat, sostniet ir-rikorrenti baqa ma ghamel xejn min dan kollu. Meta kienet iccempillu biex tghidlu meta kien ser jaghmel pagament iehor huwa dejjem kien iweghda li hekk kien ser jaghmel u li ma kellhiex ghalfejn toqghod tinkwieta. Meta giet mistoqsija in kontro-ezami x'kienet ir-raguni l-ghala Grace Borg kienet staqsietha sabiex issellef dawn il-flus lill-intimat, hija qalet li Grace Borg kienet taf li hi kellha dawn il-flus u kien ghalhekk li hija talbitha sabiex tislifhom lill-intimat.

   Ir-rikorrenti qalet ukoll li l-intimat dejjem kien ikun fil-kumpanija ta' Olaf Cini u meta giet mistoqsija jekk dawn il-flus kienux ghal imsemmi Olaf Cini

u mhux ghal intimat, hija qalet li "*dawn il-flus kienu ghall-intimat Gordon Camilleri*" (fol. 33) u li hi kienet ghaddiet dawn il-flus lilu personalment waqt li hi kienet fil-karozza taghha quddiem l-ufficju ta' l-Exotique. Ziedet tghid li Olaf Cini ma kienx hdejh meta l-intimat kien mar fejnha sabiex jiehu l-flus. Mistoqsija jekk hija kienitx taf lil min kienet ser tislef dan l-ammont ta' €4,000, ir-rikorrenti qalet li Grace Borg ma kienitx qaltilha "*lil min kont ser insellef dawn l-erbat elef ewro*" (fol. 33). Hija cahdet il-fatt li l-intimat kien taha l-ammont ta' €1,000 bl-intendiment li hija terga taghtih lura dan l-ammont.

3. Michelle Bartolo, oht ir-rikorrenti qalet li hija kienet ma ohtha fil-karozza li kienet ippakjata quddiem l-Exotique ta tas-Sliema. Qalet li ohtha cemplet lill-intimat li gie hdejn il-bieba tal-karozza u hi ghaddietlu envelopp kontenenti l-ammont ta' €4,000. Qalet li hija kienet rat lil ohtha tghodd dawn il-flejjes id-dar u li din qaltilha li kienet ser tislef dan l-ammont lil Gordon Camilleri. Ziedet tghid li malli l-intimat ha dan l-envelopp bil-flus fih, hija semghetu jghid li huwa kien ser jghaddielha dan l-ammont lura fi zmien tlett ijiem. Qalet li mhux darba jew tnejn li hija kienet tisma lill-ohtha titbaqbaq ma l-intimat sabiex tara meta kien ser jghaddielha dawn il-flus lura l-ghaliex huwa ma kienx zamm kelmtu u baqa ma ghaddielhiex dan l-ammont fi zmien tlett ijiem kif kien qalilha. Ix-xhud qalet li darba fost l-ohrajn, ohtha kienet qaltilha sabiex izzommilha lit-tifla peress li hija kellha tiltaqa ma l-intimat. Wara, r-rikorrenti regghet irritornat lura ghandha u urietha l-ammont ta' €1,000 li kien ghaddielha l-istess intimat. Mistoqsija mit-Tribunal jekk hi kienitx taf jekk dawn il-flus li selfet ohtha kienu ghal Olaf Cini u mhux ghal intimat Gordon Camilleri, ix-xhud wiegbet u qalet li dawn il-flus kienu ghal intimat l-ghaliex hu kien gie ghalihom il-flus. Apparti dan, hija qalet li qatt ma semghet lil ohtha titkellem ma xi hadd bl-isem ta' Olaf ghalkemm kienet taf li ohtha taf persuna b'dan l-isem.

4. Grace Borg qalet li l-intimat kien iffirma quddiemha d-dokument li gie esebit a fol. 24 tal-process u li n-numru u ittra "4K" ifissru erbat elef euro. Hija qalet li kien l-intimat li ha dan l-ammont ta' €4,000 minghand ir-

rikorrenti ghalkemm il-flus ma ghaddewx quddiemha u dan peress li l-intimat kien mar isfel biex jehodhom minghand ir-rikorrenti.

5. Olaf Cini, ghalkemm ghazel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li sarulu l-ghaliex qal li bir-risposti taghhom huwa seta jinkrimina lilu nnifsu xorta wahda qal li "*l-flus li nghataw dak inhar inghataw lill-intimat*" (fol. 39).

6. L-Avukat Alfred Abela qal li r-rikorrenti kienet tinsisti mieghu sabiex l-intimat jaghtiha ammont ta' flus filwaqt li l-intimat da parti tieghu dejjem qallu li dan l-ammont ta' flus ma kienx ittiehed minnu.

7. L-intimat xehed u qal li waqt li hu u Olaf Cini kienu fl-ufficju ta' Grace Borg, din ta' l-ahhar kienet cemplet lir-rikorrenti u talbitha sabiex tislifha l-ammont ta' €4,000 sabiex din imbaghad tislifhom lil Olaf Cini. Wara ftit tal-hin, ir-rikorrenti kienet cemplet lil Grace Borg u qaltilha li kienet qeghda quddiem l-Exotique bil-flus. Grace Borg kienet talbitu sabiex jiehu dawn il-flus minghand ir-rikorrenti u hekk ghamel. Qal li huwa ha l-enveloppe minghand ir-rikorrenti, reggha tela fl-ufficju ta' Grace Borg u ghaddiehomlha. Wara li kkonfermat li kien hemm dan l-ammont ta' €4,000 fl-envelopp, hija ghaddiethom lil Olaf Cini. Sussegwentement, kompla qal l-intimat, Olaf Cini kien iffirma kambjala. Mistoqsi kemm kien l-ammont ta' fuq il-kambjala, l-intimat qal li l-ammont kien bejn sebat elef u tmient' elef euro. Wara ftit granet, kompla qal l-intimat, bdiet icempillu r-rikorrenti u tghidlu li hi ma kellhiex hlief dawk l-erbat elef euro u li riedet tghejjex lil familtha bihom. Qal li huwa thassarha u ghaddielha s-somma ta' €1,000. Huwa ammetta li kien ircieva l-messagg li hemm esebit a fol. 36 tal-process minghand ir-rikorrenti. Madwar tlieta jew erbgha xhur wara, kompla qal l-intimat, Olaf Cini kien mar bl-ammont ta' €10,000 fi flus kontanti u ghaddielu dan l-ammont. Wara hu u Grace Borg telghu fl-ufficju taghha u wara li kkonfermaw li kien hemm dan l-ammont, zammithom l-imsemmija Grace Borg fil-pussess taghha. Ghar-rigward ta' l-ammont ta' €1,000 li huwa kien ghadda lir-rikorrenti, l-intimat qal li huwa kien ghaddiehomlha "*bil-patt u l-kundizzjoni li hekk kif appena tithallas lura l-ammont li kienet tat terga taghtini dawn l-elf ewro lura*" (fol. 42-43). L-intimat cahad li d-

dokument immarkat bl-ittri JP1 (a fol. 24) kien iffirmat minnu. Mistoqsi min hu Maurice Spiteri imsemmi fuq dan id-dokument, l-intimat qal li dan jigi hu Grace Borg u li anke lil dan kienet talbitu xi flus u huwa kien gabhomlha. In kontro-ezami, l-intimat ammetta li huwa kien ghamel diversi telefonati lir-rikorrenti, izda huwa kien ghamel hekk sabiex iserhilha rasha "*li konna qed nippruvaw nigbru l-flus minghand Olaf Cini halli hi tkun tista tithallas*" (fol. 43). Huwa cahad li kien qal lir-rikorrenti li kien sejjer jbiegh id-dinghy tieghu sabiex ikun jista jhallasha l-bilanc.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Il-kwistjoni odjerna tirrisolvi ruhha dwar kredibbilita ta' xhieda. Ghandek min naha lir-rikorrenti tghid li hija ghaddiet l-ammont ta' €4,000 lil intimat u li huwa kien weghda li kien sejjer jaghtiha lura dan l-ammont fi zmien tlett ijiem u imbaghad ghandek lill-intimat li qal li dan l-ammont li huwa kien gabar minghand ir-rikorrenti ma kienx ghalih izda ghal Grace Borg li da parti taghha ghaddiethom lil Olaf Cini. It-Tribunal mehud kollox in konsiderazzjoni jaghti aktar kredibilita lix-xhieda tar-rikorrenti milli dik ta' l-intimat. Ma jaghmilx sens, fil-fehma tat-Tribunal, li l-intimat ha l-flus minghand ir-rikorrenti biex jghaddiehom lill-haddiehor u imbaghad, peress li hija baqghet ma ircevietx l-ammont minnha moghti, dan ihossu obbligat li jghati flejjes lir-rikorrenti ghax thassarha. Apparti dan, hemm ix-xhieda ta' oht ir-rikorrenti li qalet li meta l-intimat mar fejn il-vettura tar-rikorrenti sabiex jiehu l-flus hija semghet jghid lir-rikorrenti li huwa kien ser jghaddielha dan l-ammont lura fi zmien tlett ijiem. Ghal darb' ohra ma jaghmilx sens li l-intimat, li qal li dawn il-flus ma kienux ghalih, ighid lir-rikorrenti li huwa kien ser jghaddi dawn il-flejjes lura lir-rikorrenti fi zmien tlett ijiem. Xi skop kellu biex jghid hekk l-intimat jekk mhux ghax huwa kien qieghed jobbliga ruhhu li jhallas dan l-ammont lir-rikorrenti? Ukoll, ix-xhud Grace Borg qalet li l-intimat kien iffirma d-dokument li gie esebit a fol. 24 tal-process ghalkemm l-intimat jichad li l-firma li hemm fuq dak id-dokument kienet tieghu. Finalment jekk dak li qieghed jghid l-intimat illi huwa sellef dawn l-€1,000 lir-rikorrenti ghax thassarha, l-ghala ma baghtilix

dan it-tip ta' messagg bhala risposta meta hija baghtitlu sms fil-25 ta' Gunju, 2016 (fol. 38) li fih inghad "*Gordon press li ma ghamiltlekx karta ta L elf li tajtni ghandek dan messagg li tajtn elf*". Anzi, l-ghada u cioe fis-26 ta' Gunju, 2015 hemm messagg iehor inghand ir-rikorrenti lejn l-intimat li jghid "*Gordon jekk jogbok kif bqajna*" (fol. 38). Dan il-messagg intbaghat l-ghaliex skont ir-rikorrenti, l-intimat kien qalilha li huwa kien ser ibiegh id-dinghy tieghu biex jissalda l-ammont misluf lilu. Dan il-fatt tal-bejgh tad-dinghy pero gie michud mil-intimat. It-Tribunal filwaqt li jaghti aktar affidibilita lix-xhieda tar-rikorrenti, mhux l-istess jista jghid ghar-rigward tax-xhieda ta' l-intimat. Illi ghalhekk, it-Talba odjerna giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk sejjer jghaddi biex jilqaha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tlett elef euro [€3,000] bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata ta' din it-Talba u cioe mit-8 ta' Frar, 2016 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a karigu ta' l-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**